**Minuti tat-tmienja u ħamsin laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter**

It-58 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter saret nhar il-Hamis, 28 t' Awwissu, 2014.

Il-laqgħa bdiet fis-6.05 ta' filgħaxija b'talba. Iċ-*Chairperson*, is-Sur Mario Bartolo, ippresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu ċ-*Chairperson* is-Sur Mario Bartolo, is-Sur Norman Clews u s-Sur Joseph Agius. Il-Viċi-*Chairperson* is-Sur Luciano Farrugia u s-Sur Nicholas Azzopardi kienu skużati.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tas-57 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Clews li ġiet issekondata mis-Sur Agius.

Item 3 – Korrispondenza

Ma kienx hemm korrispondenza.

Item 4 – Xogħol tal-Kumitat

Iċ-Chairperson tkellem dwar ix-xogħol li qed isir fi Triq Dun Salv Sciberras u qal li x-xogħol kien qabad ritmu tajjeb u kienu tlestew il-bankini. Iċ-*Chairperson* qal li kellu taħdidiet mal-Perit Matthew Briffa dwar ix-xogħol li qed isir.

Is-Sur Agius ipproponа li titwaħħal bozza ġdida fi Triq il-Profs J G Baldacchino peress illi mudlama. Iċ-*Chairperson* issekonda u l-Kumitat qabel unanimament ma' din il-proposta.

Is-Sur Agius tkellem dwar is-servizz tat-trasport pubbliku għall-isptar Mater Dei u qal li kien ġie nfurmat li qed isiru diskussjonijiet biex dan is-servizz jerġa' jiġi ntrodott fi żmien qasir.

Item 5 – Affarijiet Oħra

Iċ-Chairperson tkellem dwar Ġnien il-Mistrieħ fi Triq l-Għakrux u ppropona li peress illi l-għajnuna finanzjarja għada ma ngħatax, il-Kumitat għandu jieħu ħsieb li jiġu rranġati l-globi tad-dawl kif ukoll xi strutturi li hemm f'dan il-ġnien. Is-Sur Clews issekonda l-proposta taċ-*Chairperson* u l-Kumitat qabel unanimament ma' din il-proposta.

Iċ-Chairperson qal li kien ġie nfurmat illi kienet inħarġet l-approvazzjoni biex isiru l-ħofor għall-ilma tax-xita fi Triq il-Farfett tal-Fejġel.

Huwa talab ukoll li l-Kumitat jindaga dwar il-*coat of arms* tal-Kumitat Amministrattiv.

Dwar il-blokka tal-*concrete* li hemm fi Triq il-Farfett tal-Fejġel, is-Sur Agius qal li l-pulizija kienu qed jieħdu passi biex din titneħħa.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.45 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fid-59 laqgħa tal-Kumitat li saret nhar il-Ħamis, 25 ta', Settembru, 2014.

Mario Bartolo
*Chairperson*